# Il-Magna taż-żmien

*Jikteb il-Perit Ruben Abela*

Meta kont tifel, bħal bosta subien, kont naffaxxina ruħi bi stejjer ta' fantaxjenza u fost l-aktar stejjer li kienu jogħġbuni kien hemm dawk li jeħduk lura jew 'il quddiem fiż-żmien, ħafna drabi permezz ta' xi magna straordinarja u li wieħed saħansitra jista' jidħol fiha. Din kienet il-magna taż-żmien, jew kif inhi magħrufa fil-lingwa Ingliża, *time-machine*. Illum li kbirt, għalkemm hemm bosta affarijiet li fi tfuliti kienu fantaxjenza u li llum saru realtà, nifhem li hija xi ħaġa impossibbli li wieħed jista' jreġġa' l-arloġġ lura jew imexxih 'il quddiem, ħlief darbtejn f'sena meta mmexxu s-siegħa. Madankollu, ikolli nistqarr magħkom li bħala persuna li nħobb l-istorja ta' pajjiżi, mhux darba u tnejn li ntlift noħlom f'xewqa bħal din sabiex inkun kapaċi nwieġeb mistoqsijiet importanti fl-istorja tagħna li s'issa ebda studjuż għadu ma solva – il-problema hija li hemm bosta perjodi u sekwenzi fl-istorja tagħna li huma mitlufin f'baħar ta' dubji u mistoqsijiet!

Min ħa ħsieb il-bini tal-knisja parrokkjali wara li miet Lorenzo Gafà fl-1710? Għaliex inbidlet il-pjanta oriġinali li ħażżeż Gafà u min kien responsabbli għal dan? Kif iż-Żwieten ta' dak iż-żmien irnexxielhom jibnu u jħallsu għall-bini ta' monument bħal dan meta nistgħu nobsru x'faqar kienu jgħixu fih? Dawn huma kollha mistoqsijiet li s'issa għadna ma sibniex risposta għalihom fl-ebda arkivju. Dawn huma ftit mill-mistoqsijiet li nixtieq u noħlom li xi darba għad insib ir-risposta għalihom.

Noħlom? Iva ħolma. ħolma li ħlomt xi żmien ilu fuq dan is-suġġett u li nixtieq naqsam magħkom. Għalkemm xejn dokumentat, illum inħares lura lejn din il-ħolma u fiha nsib mistura diversi messaġġi li jgħoddu ħafna għal żminijietna.

Sibt ruħi f'ħanut tax-xorb mimli rġiel bosta minnhom bdiewa, bi lbies mill-ifqar fuqhom. Kienu qed jiddiskutu u jitmasħnu dwar kif irħula oħra kienu qed jibnu knejjes kbar il-ġmiel tagħhom u raħalhom Bisqallin u dak ta' ħdejhom Ħal Bisbut kienu għadhom qed jinqdew bi knisja żgħira li tinsab kwarta mixi 'l barra mir-raħal. Raġel imdaħħal fiż-żmien li kien fir-rokna għal kwiet waħdu, qam bilwieqfa u qallhom. "Li kieku għodu ħej is-Sur Tabuwni żguwr li ma kienx iħelli reħelne inqas mill-irħule l-oħra, u ibqaw ċerti



li kien joħroġ ġidu kullu biex jura li reħelne wkoll ikullu knisje kbire u sabiħa." F'daqqa waħda l-irġiel infexxew f'eloġju sħiħ lejn dan Klement Tabone li kien joqgħod Bisqallin u li kien għadu kemm miet xi ftit ta' snin qabel. Raġel ieħor li mid-dehra tiegħu mhux soltu jpoġġi f'dan il-ħanut daħal fid-diskursata. "Min juf kieku nkellmu lis-Sinjuwr? Duk żgur li jidħol għalihe biċċe xogħol bħal din daqs kemm iħubbhom l-inħuwi tagħne!" "X'Sinjuwr huw?" staqsewh l-irġiel l-oħra. "Mhux is-Sinjuwr tal-Imdine li għandu l-palezz u li ftit snin ilu bine dik il-knisje sabiħa quddiemu fit-tarf ta' Ħel Besbut!" weġibhom hu. "Is-Sinjuwr Bonici?" staqsewh. Id-diskussjoni baqgħet għaddejja għal ftit ħin mhux ħażin, u bejn pinta nbid u oħra deher li dawk l-irġiel fasslu pjan dwar kif huma, flimkien ma' xi rġiel oħra minn Ħal Bisbut kellhom imorru jkellmu lis-Sinjur wara l-quddiesa tas-sebgħa tal-Ħadd filgħodu. Hekk jidher li nibtet ix-xewqa ta' missirijietna, li minkejja l-faqar li kienu jgħixu fih, ma xtaqux ikunu anqas minn ħaddieħor, u raħalhom ikollu wkoll knisja kbira u sabiħa.

Darb'oħra insib ruħi bilqiegħda fl-aħħar dukkiena biswit il-bieb ta' barra tal-knisja parrokkjali. Il-quddiesa kienet kważi spiċċat u minn fuq l-artal is-saċerdot wara li gedwed xi talb bil-Latin deher idur lejn il-ġemgħa li kienet preżenti. "Ħuti, illum għandi aħbar sabiħa x'nagħtikom." Kull min kien qed iżebbeġ ir-Rużarju waqaf ħesrem u fil-knisja waqgħet ħemda kbira. "Ħa naraw biex ħiereġ Dun Ugulin illuwm – dun dejjem b'xi weħde!" gemgem ir-raġel li kien hemm ħdejja. Is-saċerdot għolla leħnu biex żgur jisimgħu kulħadd. "Ħuti, din il-ġimgħa irċevejt ittra mingħand l-Isqof tagħna fejn infurmani li s-Sinjur Girgor Bonici

offra l-art li għandu quddiem il-palazz tiegħu biex fuqha nkunu nistgħu nibnu knisja ġdida u akbar. Barra l-art qiegħed iħalli wkoll ammont sew ta' ġid u renti biex jagħmlu tajjeb għall-ispiża tal-bini." In-nies kollha nfexxew iċapċpu u jgħajtu bil-ferħ. Fil-knisja deher li kien hemm arja ta' sodisfazzjon li fl-aħħar inqalgħet grazzja u xewqa kbira setgħet isseħħ. Kif ħriġt mill-knisja intbaħt li hemm barra kien hemm arja differenti. Rajt ġemgħa ta' rġiel tinġabar. Iva għaraft lil xi wħud minnhom. Kienu dawk li kont rajt fil-ħanut tax-xorb flimkien ma' oħrajn. Mid-dehra tagħhom ma tantx kienu ħadu gost b'dik l-aħbar! "Dun x'iġifieri se tinbina f'Ħel Besbut, mele eħne mhux parruċċuni wkoll?" beda jitmasħan wieħed minnhom. "Wara kullox mhuwx fil-knisje tane neħduh is-Sagrement meta jinqala l-għali – mele isse nise Dun Ugulin li Santa Marija ta' Bisqellin hije l-viċi parruċċa?" qabeż jgħid ta' ħdejh. Il-qiegħa dehret qed tisħon sew meta ċorma nisa ħarġu mkatar koħol u bdew ixejruwhom u jgħajtu, "Viva s-Sur Girgor ta' Ħel Besbut li sa jibni knisje ġdide f'Ħel Besbut."

Madwar mejda kbira tal-kawba deherli li kienet qed issir xi laqgħa importanti. F'ras il-mejda intbaħt li kien hemm Dun Ugolin, il-Kappillan. Dak ta' ħdejh mhux Girgor Bonici? Iva hu kollu kemm hu – eżatt il-wiċċ ta' dak l-inkwadru li kien hemm fis-sagristija. U l-ieħor fuq ix-xellug min hu? Fuq kull naħa tal-mejda hemm erba' rġiel oħra, dawk fuq ix-xellug lebsin maktur ċelest madwar għonqhom u l-erbgħa l-oħra fuq il-lemin lebsin maktur ikħal. Qishom qed jirrapprezentaw xi partitarji! "Iskot, se jitkellem il-Kappillan". "Ħbieb illum qed niltaqgħu madwar din il-mejda għaliex għall-grazzja t'Alla u bl-interċessjoni ta' Santa Katarina, jidher li fl-aħħar instabet soluzzjoni aċċettabli għaż-żewġt irħula prinċipali tagħna dwar fejn għandha tinbena l-knisja ġdida li tant għandna bżonn." Taħbit fuq il-mejda b'approvazzjoni għal dak li għadu kemm stqarr Dun Ugolin. "Fuq ix-xellug tiegħi għandi lis-Sinjur Tumas Abela minn Casal Pasqualino li, grazzi għall-parruċċani minn dan ir-raħal ħeġġewh biex hu wkoll ikun benefattur għal dan il-proġett hekk ambizzjuż." Reġa' t-taħbit fuq il-wiċċ tal-mejda. "Bis-saħħa tas-Sinjur Abela qed tingħata biċċa art magħrufa bħala "el Guedi" li tinstab sewwasew fin-nofs bejn iż-żewġt irħula tagħna u li fuqha tista' tinbena l-knisja l-ġdida tagħna. Mhux biss, iżda wkoll bis-saħħa tas-Sinjur Bonici ser ikollna lill-aqwa perito agrimensore li se jagħmlilna d-disinn ta' din il-knisja, ħadd ħlief Lorenzo Gafà." Malajr inxterdet din l-aħbar u barra l-palazz tas-Sinjur Bonici bdew jinġabru l-parruċċani miż-żewġt irħula prinċipali ilkoll ixejru mkatar koħol u ċelesti u jgħajtu – Viva Santa Katarina.

Waslet il-ġurnata tant mistennija mill-parruċċani, jien ukoll sibt ruħi hemm. Telqgħet purċissjoni mill-knisja parrokkjali u sejra lejn ir-raba' tal-Guedi. Il-purċissjoni kienet immexxija mill-Isqof Cocco Palmieri u matul it-triq kien hemm tista' tgħid il-parruċċani kollha taż-żewġt irħula. Kienet il-festa ta' Santa Katarina wkoll u n-nies dehru lebsin l-aħjar ilbies li kellhom. Wara l-funzjoni sibt ruħi miexi fl-isqaqien ta' Bisqallin. Id-djar kienu griebeġ, annimali jgħixu man-nies u nies mal-annimali. Faqar kbir tmissu b'idejk. In-nies hawnhekk kienu lebsin iċ-ċraret, ilbies li xejn ma kellu x'jaqsam ma' dak li kont rajt ftit qabel. Iżda dawn kienu l-istess nies għax uħud minnhom kont ilmaħthom hemm. Staqsejt bejni u bejn ruħi – kif il-kappillan qed jistenna li jtemm il-proġett tal-knisja bil-ġbir mingħand il-parruċċani? Dħalt għand waħda minn dawn il-familji u dort u staqsejt lir-ras tal-familja jekk marx għall-funzjoni tal-knisja l-ġdida. "Daż-żguwr li mort, ma tufx kemm ilne nitsennewe din il-ġurnuta." Jien komplejt miegħu iżda deherli li ħsadtu hekk kif għidtlu li min jaf meta għad titlesta knisja ta' dak il-kobor b'parruċċani li huma tant foqra! Wara ftit weġibni, "Le ħej, flus m'għandniex iżde dirajn għandne." Jien bqajt inħares lejh għax ma kontx fhimtu u kompla, "ħefne mir-raħħula diġu tajna isimne lill-kappillun u ftehemne mete sa mmurru nehdmu fuq il-lant."

Wara nofsinhar mort għall-Għasar u t-talb ta' filgħaxija ta' jum il-festa. Xejn kbir, iżda l-knisja dehret li kienet imżejna aktar mis-soltu għall-okkażjoni u fil-ġenb kien hemm daqsxejn ta' statwa żgħira tal-injam b'wiċċ Santa Katarina tawwali u mixrub. Kienet fuq stil Gotiku. Wara li spiċċa kollox mort sa ħdejn Dun Ugolin u lanqas ilħaqt wasalt ħdejh li ma resqitx mara biex tkellmu. Jien ersaqt lura, iżda din il-mara milli jidher kellha problemi bis-smigħ għaliex meta titkellem kienu jisimgħuha minn mil bogħod. Minn dak li bdiet tgħid sirt naf li kienet armla u marret għand il-kappillan biex tgħarrfu li riedet tħallas hi u tagħmel statwa ġdida ta' Santa Katarina għall-knisja l-ġdida. Iżda l-kappillan bid-diplomazija kollha ipprova juriha li bħalissa mhux l-istatwa ġdida kienet bżonnjuża iżda li titlesta l-knisja l-ġdida. Malajr ikkonvinċiha biex minflok tħallas għal statwa ġdida bl-istess flus tħallas biex isir is-saqaf tal-kannierja, u dik telqgħet kuntenta li bis-saħħa tagħha kienet se titlesta l-kannierja.

Ix-xogħol tal-bini kien miexi ġmielu. Sibt ruħi fuq il-lant nagħġen it-tajn tal-ħamrija li ħaddiem ieħor kien qed jimla ġo patalotti u jtella' wieħed wara l-ieħor lill-bennejja. Jiehu ħsieb ix-xogħol kien hemm Mastru Xand. Issa wasalna fil-bini tal-kursija u d-daħliet ta'

sitt artali kienu diġà iffurmaw sew għalkemm il-ħajt ta' wara kien għadu wieħed proviżorju. Konna diġà tlajna mall-ħames puntati u issa x-xogħol tat-tqegħid kien qed isir minn fuq intavlar armat apposta. Il-biċċa l-kbira minna konna kollha voluntiera li arana nħabirku biex ngħinu lill-bennej ifittex ilesti l-puntata li jkun qed jaħdem fuqha biex jibda oħra. Dakinhar kien ġie għall-ewwel darba Mikiel, missier ta' tlett itfal, minn Ħal Bisbut. Billi kien fih raġel ġmielu intefa' jgħin lill-bennejja billi beda jtellgħalhom il-ġebel u jqiegħed kantun wara l-ieħor weqfin bil-lest sabiex ikun jista' jqegħedhom f'posthom il-bennej. Kien ilu xi sagħtejn tiela' u nieżel is-slielem u l-armar u deher li kien kunfidenti sew fix-xogħol. F'daqqa waħda instema' ħoss kbir ta' injam ifaqqa'. Kulħadd inħasad u waqaf minn xogħlu u fil-pront instemgħet karba qawwija ta' raġel muġugħ. Kien inqasam serratizz u ċeda l-armar waqt li kien għaddej minn fuqu Mikiel. Mikiel kien mirdum qalb it-tifrik tal-injam b'kantun fuq saqajh u mogħxi bl-uġigħ. Wieħed minna mar jiġri jsejjaħ lit-tabib u ieħor lil Dun Ugolin. Aħna bdejna nneħħu l-injam biex stajna nidħlu ħdejh u nneħħu l-kantun li kellu fuq saqajh. Kif qrobna viċin tiegħu beda jgħidilna li minn qaddu 'l isfel ma beda jħoss xejn. Is-sinjali ma tantx kienu sbieħ.



Il-kursija lesta u msaqqfa bit-troll. Sibt ruħi f'funzjoni oħra u isbaħ minn dik ta' meta tqegħdet l-ewwel ġebla għalkemm reġgħet qed titmexxa mill-Isqof Cocco Palmieri. Din id-darba kienet qed issir it-trasportazzjoni tas-Sagrament mill-knisja l-qadima għal ġol-ġdida. Il-qanpiena li kienet ittellgħet fuq armar temporanju ma waqfitx iddoqq u l-parruċċani għal darb'oħra wiegħbu għas-sejħa. Wara l-funzjoni xi familji minn Ħal Bisbut marru fuq Dun Ugolin u qalulu li kienu se jibdew jiġbru biex sal-festa ta' Santa Katarina l-kursija jkollha d-damask aħmar. Iżda Dun Ugolin filwaqt li rringrazzjahom għal dan il-ġest nobbli beda jfehemhom li l-kursija għalissa setgħet tgħaddi mingħajr damask għall-festa u kien ikun aktar għaqli li kieku setgħu jgħinuh fil-ġbir ta' fondi biex il-knisja titkompla u titlesta f'għamla ta' salib hekk kif ħażżha l-perit. Dawk il-familji fehemu l-messaġġ tal-kappillan u wegħduh li kienu se jgħinuh bil-mezzi kollha li setgħu.

Lura fuq il-lant issa l-knisja ħadet is-sura li fiha fassalha l-perit. Dakinhar Mastru Xand kellu jitla' sal-Imdina biex jiltaqa' mal-perit li dak iż-żmien kien qed isegwi x-xogħol fuq il-bini tal-katidral. Għal nofsinhar nilmħu lil Mastru Xand ġej lejna, iżda surtu ħasditna. Ma stennejniehx jasal lura qabel it-tlieta. X'ġara? Bħal sajjetta fil-bnazzi smajtu jgħajjat – "Miet, miet, miet." "Min miet?" staqsejtu jien. Imriegħed weġibni: "Lorenzo Gafà." Tregħixt u f'daqqa waħda qomt ngħajjat u bla nifs minn fuq l-imħadda.

Kienet ħolma twila li ħalltet flimkien dak li kont qrajt dwar il-bini tal-knisja tagħna mal-immaġinazzjoni tal-moħħ meta hu jkun għaddej jaħdem waqt li l-kumplament tal-ġisem ikun mistrieħ.

Iżda meta ħsibt aktar b'mod profond dwar din il-ħolma ntbaħt li kien hemm tixbihat ma' dak li għaddejjin minnu llum - il-pika bejn il-partiti fil-parroċċa; ix-xewqa ta' parruċċani differenti li jħallsu minn bwiethom opri ġodda għalkemm kultant mhux f'waqthom u ta' veru bżonn fil-knisja; u t-tfittxija għal xi bniedem finanzjarjament aktar b'saħħtu biex ikun jista' jagħti l-ewwel imbuttatura. Apprezzajt aktar it-tbatija li għaddew minnha missirijietna biex ħallewlna dan il-monument u li minkejja l-faqar kbir li kienu jgħixu fih taw minn dak li setgħu biex raw il-ħolma tagħhom isseħħ. Is-saħħa li tilef Mikiel waqt li minn qalbu kien qed jgħin biex jara x-xogħol tiela'. L-għaqal ta' Dun Ugolin li għaraf jidderieġi l-entużjażmu tal-parruċċani minkejja l-faqar li kienu jgħixu fih. Il-kontribut li taw dawk l-irġiel fil-ħanut tax-xorb li flimkien fasslu l-pjan biex jaraw il-ħolma li kellhom issir realtà.

Filwaqt li l-magna taż-żmien qed tkompli tiekol il-ġebla li biha bnew il-Katidral tal-Lvant missirijietna, int ma' min minn dawn il-karattri ixxebbah ruħek?

